# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Dsatax (19) ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 624/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Mangion**
**(ID 599477M)**

**Vs**

**Michael Camilleri**
**(ID 282183M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1) *Illi, l-attur ntalab sabiex jgħaddi l-ammont ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€140,500) lill-konvenut fi flus kontanti u bi ftehim illi l-konvenut kellu jirduppjahomlu.*

    2) *Illi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2012 l-konvenut minflok irdoppja l-ammont kif miftiehem, seraq l-istess ammont fit-totalita tiegħu u naqas milli jirritornahom skond il-ftehim illi kien hemm bejn il-partijiet.*

> 3) *Illi fil-ħdax (11) ta' Awissu tas-sena 2017, il-konvenut instab ħati quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali in konnessjoni ma' dan ir-reat u ġie kkundannat erbgħa (4) snin probation u dan kif turi s-sentenza anness u mmarkata bħala Dok PM1.*
>
> 4) *Illi għalkemm il-konvenut ġie nterpellat diversi drabi permezz ta' ittra uffiċjali u ċioe tat-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) hawn annessa u mmarkata bħala Doc PM2 sabiex jirrifondi l-ammont meħud mingħand l-attur, dan għal raġunijiet illi jaf bihom hu biss iddeċieda illi jibqa' inadempjenti.*
>
> 5) *Illi minn dan l-ammont il-konvenut għadu ma ħallas xejn u għalhekk id-debitu għadu kollu dovut oltre l-imgħax mis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena 2012 sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tirriżulta meħtieġa, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*
>
> 1. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€140,500)*
>
> 2. *Konsegwentement tiddikjara illi l-istess konvenut huwa responsabbli għall-ħlas ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (140,500) inkluż l-interessi fuq l-istess ammont subiti mis-serq tal-istess ammont ta' flus kif sovra indikat.*
>
> 3. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€140,500) flimkien mal-imgħax mid-data tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2012 sad-data tal-effettiv pagament;*
>
> *Bl-imgħax legali mis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2012 u bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 t'April tas-sena 2014 u tal-mandati ppreżentati kontestwalment, kontra l-konvenut, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2018 l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

> 1. *Illi in linea preliminari l-intimat jirrileva illi t-talbiet atturi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan in vista illi l-unika ittra uffiċjali intavolata saret biss fis-sena elfejn u erbatax (2014);*
>
> 2. *Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju it-talbiet tal-atturi huma vvizjati minn causa illeċita billi l-allegat negozju li sar bejn l-attur u l-intimat*

*kien frott ta' proċeduri kriminali kemm fil-konfront tal-attur [li fuq ammissjoni instab ħati] u dan kif muri mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok' A' u anke fil-konfront tal-intimat. Illi għalhekk tali talbiet għandom jiġu miċħuda stante illi tali ftehim u negozju huma illegali u jmorru kontra l-ordni pubblika;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti jirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan peress illi mhuwiex minnu illi l-esponenti huwa debitur tal-attur fis-somma ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (140,500).*

4. *Illi jiġi rilevat illi l-attur ma sofra l-ebda danni u żgur iżda li ma sofriex danni kaġunati mill-allegat aġir tal-konvenut;*

5. *Illi konsegwentement l-intimat ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-aġir;*

6. *Illi għalhekk ma hemm ebda somma x'tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, a favur tar-rikorrenti, u għalhekk isegwi illi r-rikorrenti intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe somma.*

7. *Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

3. Rat illi fit-13 ta' Novembru 2018 il-kawża ġiet differita għall-provi.

4. Rat l-affidavit ta' **Paul Mangion** ippreżentat fis-26 ta' April 2019 (fol 70).

5. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti w ordnat it-tkomplija tal-provi.

6. Rat illi fit-12 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Michael Camilleri**, mogħtija fil-25 ta' Frar 2021. (fol 93)

8. Semgħet il-kontro eżami ta' Paul Mangion illi saret fis-6 ta' Lulju 2021. (fol 140)

9. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2021 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

10. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent ippreżentati fid-19 ta' Ottubru 2021.

11. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimat ippreżentati fid-29 ta' Novembru 2021.

12. Rat illi fit-2 ta' Diċembru 2021 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

13. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi kif prodotti, illi r-rikorrent, permezz tal-azzjoni odjerna, qiegħed jikkontendi illi huwa għadda l-ammont ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt Euro (€140,500), lill-intimat sabiex l-intimat, bl-assistenza ta' persuna ta' karnaġġjon skura w li ismu ma hijiex magħrufa, jirdoppjahomlu billi jiffalsifika tali flejjes permezz ta' proċess magħruf bħala 'black money', fejn allegatament flejjes oriġinali jitqiegħdu bejn karti vojta foloz u jiġu ppressati flimkien, u wara proċess kimiku, il-karti vojta foloz ikollhom fuqhom l-istampar tal-flus ta' fuqhom u ta' taħthom, u b'hekk ikun ġie irduppjat il-flus permezz ta' proċess ta' falsifikazzjoni.

14. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi li huwa ġibed il-flus, fi flus kontanti, lkoll kemm huma mill-Bank of Valletta u għaddihom li dana il-persuna ta' karnaġġjon skur li, flimkien ma' l-intimat, beda l-proċess ta' falsifikazzjoni, iżda eventwalment, meta, wara ż-żmien lilu indikat, ir-rikorrent mar jivverifika dwar tali flejjes, huwa sab biss flus suwed u l-flejjes minnu allegatament ipprovduti, ossija il-€140,500 fi flus kontanti, kienu sparixxew.

15. Jirriżulta illi r-rikorrent, fil-provi minnu prodotti fil-proċeduri odjerna, ressaq l-affidavit tiegħu w kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża kontra l-intimati fis-26 ta' Lulju 2017, u mhux appellata, fejn, skond ir-rikorrent, l-intimat instab ħati talli seraqlu l-ammont ta' €140,500.

16. Għajr għall-affidavit tiegħu u s-sentenza fuq ċitata, ir-rikorrent ma ressaq ebda prova in sostenn mal-irtirar tal-flejjes mill-Bank of Valletta u/jew provi oħra dwar kif tali flejjes ingħaddew lill-intimat.

17. L-intimat, da parte tiegħu, fid-difiża tiegħu, qajjem tlett eċċezzjonijiet prinċipali, ossija illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kap 16, illi l-azzjoni odjerna hija vvizzjata peress illi bbażata fuq 'causa illecita' w illi huwa ma ħadlu ebda flejjes.

**Ikkunsidrat**

18. Jirriżulta illi jkun opportun illi ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Michael Camilleri**', fejn il-Qorti daħlet fid-dettal dwar il-fatti tal-każ, li jkun opportun li jiġu riprodotti hawnhekk għall-intjerezza tal-proċeduri odjerni.

19. Jirriżulta, mis-sentenza fuq imsemmija, illi l-intimat Michael Camilleri ġie akkużat bis-segwenti akkużi:

*Talli fis-26 ta' Mejju 2012, f'Bengħajsa, limiti ta' Birżebbugia, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiċi foloz, u jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (€140,500) għad-dannu ta' Paul Mangion minn Birżebbugia;*

***Kif ukoll talli fl-istess data, lok u ġirkostanzi, ikkommetta serq ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt Ewro (€140,500) fi flus kontanti bi ħsara ta' Paul Mangion minn Birżebbugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

*U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, appartjena għal għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar;*

*Kif ukoll talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza ta' nhar is-7 ta' April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;*

*U aktar talli b'hekk sar reċidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza tagħha datata 7 ta' April 2009;*

*Kif ukoll talli b'hekk kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, meta kkommetta reat ieħor wara li ngħata sentenza fejn inagħta ordni ta' probation għall-perjodu ta' tliet snin, liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Jannar 2012.*

20. Jirriżulta illi l-Qorti tal-Maġistrati spjegat il-fatti tal-każ kif ġej:

*Dan il-każ beda b'rapport datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena 2012 liema rapport sar minn Paul Mangion minn B'Bugia dwar allegat frodi fl-ammont ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€140,500) għad-dannu tiegħu. Hu kien spjega lill-pulizija illi hu kien jaf lil ċertu wieħed Cristjanu li jarma fuq il-monti fejn dan kien qallu illi kien jaf lil xi ħadd li kien jiffalsifika l-flus u saqsieh jekk kienx interessat li jidħol f'biċċa xogħol miegħu u sussegwentement dan Cristjanu kien għadda n-numru ta' Paul Mangion (99453423) lil persuna oħra li fil-fatt kien daħal f'kuntatt miegħu.*

*Dan Mangion u l-persuna l-oħra li sa dak iż-żmien ma kienx jaf x'jismu u lanqas meta mar l-kwartieri ġenerali tal-pulizija ma kien jaf x'jismu sussegwentement kien ġie identifikat bħala Michael Camilleri minn Ħal-Qormi imlaqqam tal-Bżar. Kienu ltaqgħu fejn ir-Regina Auto Dealer fil-Ħamrun u dan il-persuna kien saqsa lil Paul biex jgħaddilu s-somma ta' mitejn elf ewro (€200,000) fejn kien spjegalu illi dawn kien se jżommhom w fil-garage tiegħu, kellu jdaħħal xi karti suwed bejn dawn il-flus tiegħu, iħallat xi kimika magħha u mal-lejl jidduplikaw. U hemmhekk qallu li hu kien jagħtih elf ewro – elf ewro minn butu – lanqas minn dawk il-flus li jiġu dduplikati plus il-flus tiegħu jerġa' jtihomlu lura – mitejn elf ewro (€200,000) plus l-elf ewro bħala speċi commission.*

*Paul Mangion kien ħasibha ftit u sadanittant Michael Camilleri kien iċempillu diversi drabi minn fuq linja bin-numru (79871101) u xi drabi kien juża linja oħra (79862160). Wara diversi komunikazzjonijiet bejniethom fejn Paul Mangion kien qal lil Michael Camilleri li ma kellux dak l-ammont ta' flus u Michael kien qallu biex jagħtih mija u ħamsin elf ewro (€150,000) minflok u Michael Camilleri kien se joħroġ sittin elf ewro (€60,000) minn butu. Finalment Paul Mangion qallu li kulma seta' jġib kienu mija u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€140,500) u fil-fatt kien ġibed mija u erbgħin elf ewro (€140,000) mill-bank BOV ta' B'Bugia u kellu ħames mitt ewro li kien għadu kemm qala' minn bejgħ ta' karozza.*

*Fis-26 ta' Mejju tas-sena 2012 għal ħabta ta' tlieta ta' wara nofsinhar Paul Mangion iltaqa' ma' Michael Camilleri li kien qed jistennieh ħdejn ir-roundabout ta' fejn il-Malta Freeport f'B'bugia u dakinhar Michael Camilleri kien ġie jiltaqa' ma' Paul akkumpanjat minn persuna barranija, b'ġilda sewda u dawn kienu ġew b'karozza Toyota mudell Rav 4. Saqu lejn il-garaxx ta' Paul Mangion sitwat f'Bengħajsa limiti ta' B'bugia u Michael Camilleri wera li kien ġab miegħu sittin elf ewro (€60,000) miegħu. Paul Mangion jaf biss illi Michael Camilleri kellu mazz f'idejh imma ma qgħadx jivverifika kemm kien l-ammont. Sabiex wara jagħraf il-flus tiegħu hu kien qasqsilhom bicca żgħira minn nofs mill-parti ta' isfel biex meta imbagħad dawn il-flus kellhom jidduplikaw hu kien jieħu l-flus li kien għadda lil Michael Camilleri. Paul Mangion qal li l-flus tiegħu kienu jikkontjenu minn karta ta' ħames mija, mitejn, mija u anke tal-ħamsin ewro.*

*Paul Mangion spjega illi Michael Camilleri kien ġab miegħu żewġ fliskaturi tal-plastik u anke kitla tal-istainless steel u lil Paul Mangion kien talbu biex iġib miegħu hairdryer. Paul Mangion kien ħalla lil Michael Camilleri flimkien mal-persuna li akkumpanjatu (ta' kulur iswed) f'parti fil-garage tiegħu fejn suppost kienu qegħdin iħalltu l-flus ta' Paul Mangion ma' dawn il-karti suwed u jżidu l-kimika biex allura 'l għada jidduplikaw. F'dan il-mument Michael Camilleri u din il-persuna barranija telqu mill-garage fejn qal lil Paul Mangion biex ma jmisshomx*

*dawn il-flus. Paul Mangion spjega illi Michael Camilleri kien ħareġ mill-garage flimkien mal-persuna barranija b'bagalja f'forma ta' hand luggage u qal lil Paul Mangion biex ġo din il-foil li kienet magħluqa ma jmisshiex u biex ma jiftaħhiex għax jekk kien jiftaħha l-proċess kien itelliflu mill-effetti tiegħu u ma joħroġx dak li kellu jsir.*

*Ftehemu allura illi jiltaqgħu l-għada fis-27 ta' Mejju għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fejn hemmhekk Michael Camilleri kellu jerġa' jmur fuq il-post biex allura lil Paul Mangion jagħtih flusu lura u magħhom itih elf ewro oħra filwaqt li Michael Camilleri kellu jieħu l-flus li kellhom issa jidduplikaw ruħhom. Fis-27 ta' Mejju għal ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' waranofsinhar Paul Mangion irċieva telefonata mingħand Michael Camilleri (numru 79871101) fejn dan informah illi kien fi triqtu lejn B'bugia flimkien ma' persuna oħra. Paul Mangion reġa' kien qed jistennihom ħdejn ir-roundabout tal-Freeport ġewwa B'bugia iżda baqa' ma ġie ħadd – beda jċempel fuq dan in-numru – sabu mitfi – beda jipprova jaqbad lil Michael fuq in-numru tal-mobile l-iehor (79862160) fejn sab vuċi femminili li qaltlu li Michael Camilleri kien qiegħed arrestat fil-kwartieri ġenerali tal-Pulizija.*

*Minħabba f'hekk, Paul Mangion issuspetta ħażin fejn mar lura fil-garaxx, fetaħ l-aluminium foil u kull ma sab kien karti suwed biss meta suppost ġo dik il-foil kellu jkun hemm il-flus tiegħu plus il-flus li kien ġablu Michael Camilleri, plus il-flus suwed u l-kimika li suppost ġiet użata. Paul sab biss karti suwed li ma kellhom ebda valur u l-flus tiegħu li suppost kienu hemm ma sabhomx.*

21. Jirriżulta, illi permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-**<u>26 ta' Lulju 2017</u>**, u mhux 11 ta' Awissu 2017 kif indikat mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat is-segwenti deċiżjoni kontra l-intimat Michael Camilleri:

    *Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 21, 23B, 28B(1)(5), 31, 49, 50, 83A(1)(5), 261(c), 267, 279(b), 289, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a), 533 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 7 u 21 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta,* ***<u>ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah</u>*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti) *, issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tielet, raba' (li wettaq reat waqt sentenza sospiża iżda mhux tar-riċediva) u ħames akkuża u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat Michael Camilleri taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' erba' snin taħt is-segwenti kondizzjonijiet:*

22. Jirriżulta, mis-sentenza fuq ċitata, illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent w il-konsulent legali tiegħu fis-sottomissjonijiet tagħha, l-intimat Michael Camilleri **<u>ma nstabx</u>** ħati talli seraq il-flus lil Paul Mangion.

23. Jirriżulta, nel frattemp, illi fl-20 ta' Jannar 2014, ir-rikorrent Paul Mangion kien ukoll akkużat in konnessjoni ma' dina l-kwistjoni ta' falsifikazzjoni tal-flejjes w instab ħati talli:

    *F'dawn il-Gżejjer, fis-26 ta' Mejju 2012, u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li mhux delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, u ċioe` falsifikazzjoni ta' flejjes ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

    *Kif ukoll talli b'hekk sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 23 ta' Frar 2010, u sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 16 ta' Ġunju 2011, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.*

## Ikkunsidrat

24. Jirriżulta, mill-fatti dikjarati mir-rikorrent fl-affidavit tiegħu, ossija l-unika prova tiegħu, illi huwa jikkonferma illi l-intenzjoni tiegħu, meta allegatament ħareġ il-flus mill-bank u ltaqa' ma' l-intimat u l-persuna ta' karnaġġjon skura, kienet illi jiffalsifika l-flus permezz tal-flus kontanti tiegħu stess.

25. Jirriżulta wkoll illi dana l-akkadut seħħ fis-26 ta' Mejju 2012, kif jirriżulta mhux mill-affidavit tar-rikorrent, li ma semma' ebda data, iżda miż-żewġ sentenzi fuq ċitati.

26. Jirriżulta illi r-rikorrent ma ppreżenta ebda dokumentazzjoni, la li huwa qatt ġibed is-somma ta' €140,500 mill-Bank, u wisq anqas illi għamel xi interpellazzjoni kontra l-intimat Michael Camlleri, għalkemm l-istess Michael Camilleri jistqarr illi kien irċieva Ittra Uffiċjali mingħand ir-rikorrent, fis-sena 2014, li kopja tagħha qatt ma giet eżebita fil-Qorti.

## Ikkunsidrat

27. Jirriżulta illi, kif ġia osservat aktar il-fuq, fost it-tlett difiżi imqajjma mill-intimat, hemm dik tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

28. Jirriżulta illi l-Artikolu 2154 tal-Kap 16 jgħid:

    *(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista'jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien.*

29. Jirriżulta ċar illi l-azzjoni odjerna hija bbażata esklussivament fuq l-allegat frodi da' parte ta' l-intimat fil-konfront tar-rikorrent, bir-riżultat illi għalhekk, għal tali eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, tapplika dak pprovdut fis-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 2154, fejn jingħad illi preskrizzjoni f'tali każ ma tgħaddi qatt.

30. Jirriżulta, għalhekk, illi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni imqajjma mill-intimat hija waħda bla bażi u timmerita illi tiġi miċħuda.

## Ikkunsidrat

31. Jirriżulta illi difiża oħra imqajjma mill-intimat hija illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija vizzjata peress illi bbażata fuq 'causa illecita', ossija l-użu tal-flus għall-falsifikazzjoni tagħha, għal liema fatt, l-intimat jikkontendi fis-sottomissjonijiet tiegħu, huwa instab ħati.

32. Jirriżulta illi l-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili, fejn jiġu kkunsidrati l-elementi tal-kawża tal-Kuntratti, jipprovdi illi:

*L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett*

33. L-Artikolu 990 imbgħad ikompli jgħid illi:

*Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku.*

34. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2021 fl-ismijet '**Francis u Doris Buhagiar vs Ta' Natu Ltd**', fejn dwar tali difiża, kellha dan xi tgħid:

*Għandu jiġi enfasizzat il-prinċipju li min jidħol f'negozju bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi, m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk in-negozju jmur ħażin, ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandu jservi ta' diżinċentiv għal min jiġih il-ħsieb li jagħmel negozju a skapitu tal-erarju pubbliku u ma għandhiex tkun il-liġi stess li tneħħi dan id-diżinċentiv għal min ikun irid iqarraq biha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Ottubru, 1997, fil-kawża fl-ismijiet Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et. u dik ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri deċiża fl-14 ta' Novembru, 1996).*

*Kif rilevat ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1998, (Kollez. Vol. LXXXII.II.734) fl-ismijiet Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono:*

> *"id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 987 u 991 tal-Kodiċi Ċivili mhumiex intiżi biex jagħtu xi drittijiet jew vantaġġ lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'causa illeċita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intiża bħala deterrent kontra l-eżekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni."*

35. Il-prinċipju ta' kawża illeċita ġiet ikkunsidrata w trattata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza '**Julia Borg et vs Carmel Brignone**' deċiża fis-6 ta' Ottubru 1999, fejn kellha dan xi tgħid:

*"Ħie anzi kostantament ritenut illi f'dawn iċ-ċirkostanzi n-nullita' ta' l-obbligazzioni setgħet tiġi sollevata mill-istess Qorti ex officio. "Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula fuq kawża illeċita' u l-kawża hija lleċita meta hija projbita mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku. U konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku' meta hija kontra l-interess ġenerali. Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvinzjoni minħabba kawża lleċita tista' tiġi sollevata ex officcio." (Vol XLID.p.684 deċiża minn din il-Qorti fl-ismijiet Charles Pace et -vs- Philip Agius et).*

> *'Illi 'rebus sic stantibus', kif loġikament jikkonkludi Pacifici Mazzoni:- "ll giudice non puo' accogliere la domanda diretta ad ottonere l'adempimento di una convenzione fondata sopra causa illecita, o che abbia un oggetto turpe o contrario alla legge, benche' il debitore non apponga eccezione di sorta" (Istituzioni, Vol. ll. para 167) u għalhekk il-Qorti tħoss li għandha tissolleva 'ex officio' n-nullita' tal-kondizzjoni fuq miġjuba u magħha n-nullita' tal-konvenzjoni relattiva." (Vol. XLIIIC.ii.646)".*

36. Applikati dawn il-prinċipji, il-Qorti tibda' billi tosserva illi, kif ammess mir-rikorrenti stess fix-xhieda tiegħu (fol 143), l-flus illi allegatament ingħaddew lill-intimat kienu ser jintużaw għal kawża illeċita, ossija sabiex jiġu ffalsifikati flus biex bihom huwa jirdoppja l-ammont ta' flus illi għandu.

37. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-20 ta' Jannar 2014, instab ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra sabiex jikkommetti r-reat ta' falsifikazzjoni, akkuża illi għaliha huwa ammetta minnufih u ġie liberat bil-kundizzjoni illi ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tlett snin mis-sentenza.

38. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi l-obbligazzjoni illi r-rikorrenti jikkontendi illi daħal għaliha l-intimat kienet ċarament waħda illeċita, ossija illi jiffalsifika l-flus bil-flus tar-rikorrenti, u jidher ċar illi l-azzjoni odjerna hija bbażata esklussivament fuq tali

obbligazzjoni, bir-riżultat illi l-Qorti ma tista' qatt tikkunsidra favorevolment it-talba rikorrenti.

39. Għalhekk, it-tieni difiża mqajjma mill-intimat timmerita illi tiġi akkolta.

**Ikkunsidrat**

40. Jirriżulta illi l-aħħar difiża mqajjma mill-intimat, u li jinsabu redatti lkoll fit-tielet sas-seba' eċċezzjoni tiegħu, hija illi ma huwiex minnu illi r-rikorrent qatt għaddhielu s-somma ta' €140,500 kif minnu allegat.

41. Tenut kont ta' tali difiża, il-Qorti kienet tippretendi illi r-rikorrenti jġib il-provi kollha meħtieġa biex jikkorrobora l-asserzjoni tiegħu illi huwa ġab il-flus għall-intimat.

42. Madanakollu, jirriżulta illi r-rikorrenti strieħ unikament fuq l-affidavit tiegħu w fuq is-sentenza tas-27 ta' Lulju 2017 mogħtija kontra l-intimat, fejn r-rikorrenti jikkontendi illi hemm prova ċara illi huwa għadda l-flus lill-intimat.

43. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrenti, mill-ħames akkużi illi kienu saru fil-konfront ta' Michael Camilleri, inkluż dik illi seraq il-flus mingħand ir-rikorrent Paul Mangion, l-unika akkuża illi ġie liberat minnha Michael Camilleri hija proprja dik illi kienet tgħid illi Michael Camilleri "*ikkommetta serq ta' mija u erbgħin elf u ħames mitt Euro (€140,500) fi flus kontanti bi ħsara ta' Paul Mangion*".

44. Għalhekk, l-intimat, a differenza ta' kull asserzjoni illi saret, QATT ma instab ħati talli seraq il-flus mingħand ir-rikorrent, kif huwa jikkontendi.

45. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-faqar tal-provi mressqa mir-rikorrent hija tali illi, apparti l-affidavit tiegħu, huwa ma ressaq ebda prova assoluta, għalkemm fis-sottomissjonijiet tagħha l-konsulent legali tar-rikorrent tgħid illi ġew ippreżentati rapporti tal-Pulizija Eżekuttiva.

46. Il-Qorti tirrileva illi, għalkemm ir-rikorrent jikkontendi illi huwa ippreżenta affidavit dettaljat dwar il-fatti, jidher illi tali affidavit huwa nieqes minn dettall importanti ... ma hemm indikat EBDA dati tul l-affidavit kollu!

47. Il-Qorti tirrileva, finalment, illi għall-asserzjoni illi r-rikorrent ġibed il-flus kollha minn fergħa tal-Bank of Valletta, li fis-sentenza tas-27 ta' Lulju 2017 jiġi speċifikat li dana kien mill-fergħa ta' Birzebbugia, r-rikorrent ma ressaq ebda provi dokumentarji ta' ebda tip – la statement tal-bank, la dokumentazzjoni u riċevuti li juru li ġibed tali flus u ebda rappreżentant tal-Bank biex jikkonferma tali fatt.

48. Tali nuqqas timmilita konsiderevolment kontra t-teżi tar-rikorrenti w il-affidabilita' tiegħu bħala xhud li, fix-xhieda in kontro eżami quddiem dina l-Qorti, l-ewwel qal

illi l-flus li kienu tal-ħames mitt Euro (€500) il-waħda, u wara biddel il-verżjoni u qal illi kien hemm tal-mitt Euro (€100) u tal-mitejn Euro (€200).

49. Jirriżulta wkoll, fix-xhieda, illi r-rikorrent stqarr illi attwalment il-flejjes ma kienx għaddihom lill-intimat, iżda kien għaddihom lill-persuna ta' karnaġġjon skur illi kien ma' l-intimat, sabiex isir il-proċess tal-falsifikazzjoni quddiemu, fil-garage tar-rikorrent. (fol 149)

50. Il-Qorti tosserva illi tali nuqqas da' parte tar-rikorrent illi jressaq xi tip ta' prova li dawna l-flejjes inġibdu minnu kif ukoll il-fatt li r-rikorrent strieħ fuq sentenza tas-27 ta' Lulju 2013 illi **ma sabitx lill-intimat ħati talli seraq il-flus lir-rikorrent**, ifisser illi r-rikorrent naqas milli jressaq provi suffiċjenti skond il-grad rikjest mill-Liġi li tipprova li għadda flejjes lill-intimat.

51. Għalhekk l-eċċezzjonijiet imqajjma mill-intimat in konnessjoni mad-difiża illi huwa qatt ma ngħadda l-flus, jimmeritaw illi jiġu kkunsidrati favorevolment ukoll.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali u semgħet il-provi;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat.

**Tilqa'** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet l-oħra imqajjma mill-intimat, u għalhekk;

**Tiżħad** it-talbiet atturi kif dedotti.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**